MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 420/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Marzia Vella (K.I. Nru 202285M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-19 ta’ Mejju 2011, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn sebgha u tletin Ewro u dsatax centezmu (€1237.19) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra l-affidavit ta’ Romuald Attard rapprezentant tas-socjeta’ attrici.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici.

Ra n-nota ta’ amissjoni pprezentata mill-konvenuta nhar it-13 ta’ Gunju 2011.

Ra l-ahhar verbal tas-seduta tad-20 ta’ Gunju 2011 fejn thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn sebgha u tletin Ewro u dsatax il-centezmu (€1237.19) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------